# QORTI CIVILI
# (PRIM' AWLA)

# ONOR. MHALLEF
# JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' Nhar il-Hamis 13 ta' Lulju, 2017

**Kawza Numru: 33**
**Rikors Numru: 689/2016 JPG**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**
**vs**
**1. Armand Chetcuti (K.I. numru 89289(M))**

**2. Helena Chetcuti (K.I. numru 118768(M))**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-Bank of Valletta p.l.c datat 12 t'Awissu 2016 mahluf minn Johanna Bartolo (K.I. numru 125969 (M)) ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess socjeta' attrici, li jaqra hekk:

1. *Illi permezz ta' zewg kuntratti in atti n-Nutar Dottor Fiona Zammit Armeni, wiehed datat 15 ta' Marzu 2010 (Dok. "A") u l-iehor datat 20 ta' Dicembru 2010 (Dok. "B") u permezz ta' skrittura privata datata 15 ta' Dicembru 2012 (Dok. "C") is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Armand Chetcuti.*

2 *Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Armand Chetcuti fis-somma ta' mitejn u erbghin elf, mija u wiehed u erbghin Ewro u tmintax-il centezmu (€240,141.18) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Armand Chetcuti mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok."D1 sa D2" u Dok. "E1 sa E3") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mis-26 ta' Gunju 2016 sad-data ta' l-effettiv pagament;*

3. *Illi permezz ta' zewg kuntratti in atti n-Nutar Dottor Fiona Zammit Armeni wiehed datat 15 ta' Marzu 2010 (Dok. "A") u l-iehor datat 20 ta' Dicembru 2010 (Dok.*

*"B"), Helena Chetcuti iggarantiet flimkien u "in solidum" ma' Armand Chetcuti id-debiti ta' l-istess Armand Chetcuti ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. sal-valur ta' mitejn u hmistax-il elf Ewro (€215,000.00) flimkien ma l-ispejjez u l-imghaxijiet.*

4. *Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u skrittura privata fuq imsemmija (u hawn ezebiti bhala Dokument 'A', 'B' u 'C') partikolarment imma mhux esklussivament, billi Armand Chetcuti u Helena Chetcuti:-*

*(a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kntratti u skrittura privata, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skrittura privata sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Armand Chetcuti u Helena Chetcuti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.*

*6. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;*

*7. Illi l-konvenuti Armand Chetcuti u Helena Chetcuti gew interpellati permezz ta' zewg ittri ufficjali datati 17 ta' Lulju 2015 li kopja taghhom qed jigu hawn esebiti u mmarkati Dok. "F" u "G" sabiex jithallas d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex Din il-Qorti Tilqa' it-talbiet tas-socjeta' attrici li qeda hawn titlob li Din il-Qorti Joghgobha:*

1. *Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn ezebiti bhala Dokumenti "A", "B" u "C") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Armand Chetcuti u Helena Chetcuti (a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skrittura privata (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skrittura privata sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Armand Chetcuti u Helena Chetcuti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.*

2. *Tikkundanna lil Armand Chetcuti ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u erbghin elf, mija u wiehed u erbghin Ewro u tmintax-il centezmu (€240,141.18)*

*bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Armand Chetcuti mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok."D1 sa D2" u Dok. "E1 sa E3") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mis-26 ta' Gunju 2016 sad-data ta' l-effettiv pagament*

3. *Tikkundanna lil Helena Chetcuti thallas flimkien u in solidum ma' Armand Chetcuti, lis-socjeta' attrici is-somma ta' mitejn u hmistax-il elf Ewro (€215,000.00) bilanc minn somma akbar ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Armand Chetcuti mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok."D1 sa D2" u Dok. "E1 sa E3") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mis-26 ta' Gunju 2016 sad-data ta' l-effettiv pagament;*

   *Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri ufficjali datati 17 ta' Lulju 2015 (Dok. "F" u "G") kontra l-konvenuti u tal-Mandati ta' Sewkestru li qed jigu prezentati kontestwalment kontra il-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, id-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi, permezz ta' affissjoni (vide fol 74); permezz ta' pubblikazzjoni ta' gazzetta tal-Gvern (vide fol 99-101) permezz ta' gazzetti lokali (vide fol 78 et seq).

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat illi fis-seduta tat-12 ta' Gunju, 2017, is-socjeta' rikorrenti ddikjarat li ma fadalliex aktar provi x'tipproduci.

Rat illi l-intimati baqghu kontumaci;

Rat il-fakolta moghtija minn din il-Qorti lill-intimati fit-12 ta' Gunju 2017 sabiex jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom ai termini tal-Art 158 (10) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ill l-intimati baqghu inadempienti;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti rat illi ghalkemm l-intimati gew debitament notifikati bil-procedura tal-affissjoni u publikazzjoni bir-rikors guramentat tas-socjeta rikorrenti, huma baqghu kontumaci.

Skont il-ligi, l-kontumacja ma tfissirx u ma tistax tigi ekwiparata ma ammissjoni. Infatti kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Blye Engineering Co. Ltd Vs Philip Borg Bellanti u Joe Fenech** deciz fit-22 ta' Gunju, 2005, Appell Civili per Onor. Imhallef Philip Sciberras:

> ***"... huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35;"***

Illi infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq v. Brian Mizzi et noe**., Appell, 27 ta' Marzu, 1996 inghad:

> ***"Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza talQrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta t-talba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta'Jannar 1991:***
>
> ***"Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika.***

***Ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;""***

Vide ukoll sentenza fl-ismijiet **Joseph Aquilina noe v. Lino Debono**, Qorti tal-Appell, deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997.

**Ikkonsidrat:**

Wara li rat l-atti kollha tal-kawza, il-Qorti taghraf illi l-ammont pretiz mis-socjeta rikorrenti, u cioe * mitejn u hmistax-il elf Ewro (€215,000.00) **gie provat** sufficjentement mis-socjeta rikorrenti. Ikkonsidrat dan, u l-fatt illi ma jidhirx illi hemm ebda eccezzjoni illi l-Qorti tista' tqajjem *ex officio*, il-Qorti tqis illi t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u ghandha tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet kollha tas-socjeta rikorrenti u tikkundanna ***lill-intimati ihallasu lis-socjeta rikorrenti*** s-somma ta' mitejn u hmistax-il elf Ewro (€215,000.00) oltre l-imghax dekoribbli mis-26 ta' Gunju 2016 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati.

## Moqrija

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**

*U b'digriet ta' l-1 ta' Awwissu, 2018, **gew mizjuda** il-kliem qabel l- * *"mitejn u erbghin elf, mija u wiehed u erbghin ewro u tmintax il-centezmu (€ 240,141.18) minghand il-konvenut Armand Chetcuti, fil-waqt illi mill-konvenuta Helena Chetcuti, s-somma pretiza hija ta' "* ;

** Gew ikkancellati il-kliem entro l-** u sostitwiti bil-kliem: ***"gew pprovati"***;

*** U fid-decide ta' din is-sentenza, wara il-kelma "tikkundanna" jigu kkancellatti il-kliem entro l-*** , liema kliem gew sostitwiti bi:

> ***"lill-intimat Armand Chetcuti ihallas lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' mitejn u erbghin elf, mija u wiehed u erbghin Ewro u tmintax-il centezmu (€240,141.18) flimkien mal-imghax legali dekorribbli mis-26 ta' Gunju 2016 sal-jum tal-pagament effettiv, u lill-konvenuta Helena Chetcuti thallas flimkien u in solidum ma' Armand Chetcuti lis-socjeta attrici, "***

Illum l-1 ta' Awwissu 2018

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**